# META TIXJIEH

Ta' A. Cremona

*(F'Album tar-Ritratti ta' Xbejba)*

Meta minn ħarstek tibda tgħib id-dija,
u fuq ġbinek taż-żmien tidher ir-radda,
rasek tħittex it-toqol ta' dil-ħajja
isserraħ fuq imħadda.

Meta b'għajnejk imbexxqa din id-dinja
tidhirlek wisq xort'oħra milli kienet;
u tara kemm tassew ta' żmienek qdiemet,
u din fit-togħma ħżienet.

Meta quddiem għajnejk bħal ħolma ġdida
tara tiżwiq ta' lbies u maskri ġodda
fuq sider u koxxtejn, u tat-twaletta
għall-wiċċ mill-ifjen għodda,

Tgħidx li żgħożitek kienet għadha tinbet,
tgħidx li żgħożitek kienet għadha fqira,
nieqsa mill-għana u l-hena ta' dil-ħajja:
tħallix tkiddek il-għira.

Tgħidx dik il-ħajja isbaħ minn ta' żmienek,
għax tgħaġġeb san-natura bi sbuħitha.
"Jien għixtha kmieni" tgħidli; hekk għada bintek
tgħidilna fi xjuħitha.

*

Meta tixjieħ u tqalleb dan il-ktejjeb,
fitttex il-hena u l-għaxqa ta' torbitek,
għidli kemm isbaħ ħajja ta' tarbija
minn ħajja ta' xbubitek!

Il-lum li jiena xjeħt għadni niftakar
hawnhekk il-wiċċ ta' meta kont tarbija,
b'għajnejk tkellimni u b'fommok tidħakhieli
bid-daħka ta' bla ħtija.

Il-lum li xebba sirt jien għadni nara
dik id-daħka ta' fommok ta' tarbija.
Int żommha fuq xofftejk bla ma ddennisha
bid-dwejjaq tax-xjuħija.

U meta tixjieħ bħali u b'għajn imbexxqa
tarak li qdimt għal din id-dinja ġdida,
tgħid qatt li biż-żmien qdimt għax ġejt hekk kmieni
li qalbek hi marida.

Meta fil-waħx tal-frugħa ta' dil-ħajja
tħoss ġewwa qalbek tax-xjuħija bħal għafja,
ftakar fi żmien tfulitek dik il-hena
li għadek tħossha safja.